



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16361/23

FISC 288
ECOFIN 1331

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15875/23 FISC 268 ECOFIN 1264	
Suġġett:	Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Diċembru 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), approvati mill-Kunsill fit-3958 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Diċembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni
tal-Intrapriżi)
matul il-Presidenza Spanjola

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Spanjola, b'mod partikolari fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx f'Ottubru 2023; JAPPROVA r-rapport tal-Grupp kif jinsab fid-dokumenti 15757/23 + ADD 1-12; JAPPROVA l-pakkett ta' ħidma pluriennali l-ġdid li jinsab fid-dokument 13649/23.
2. JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-istatus quo li qabel dwarhom il-Grupp u JITLOB lill-Grupp ikompli bis-sorveljanza tal-istatus quo u bl-implimentazzjoni tal-iżmuntar; JILQA' d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-proċess ta' notifika; JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-effetti reali tal-miżuri individwali kif maqbula mill-Grupp u JITLOB lill-Grupp biex ikompli jissorvelja l-miżuri individwali;
3. JILQA' l-effett pożittiv tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-ħidma tal-Grupp dwar it-tnaqqis ta' prattiki tat-taxxa dannużi u t-tnaqqis ta' sistemi fiskali preferenzjali, kemm fl-UE kif ukoll globalment; JAPPELLA lill-Grupp biex ikompli d-djalogu effettiv mal-ġuriżdizzjonijiet u s-sorveljanza, sabiex il-ġuriżdizzjonijiet ikomplu jissodisfaw l-impenji rispettivi tagħhom u jikkonformaw mal-kriterji tal-elenkar tal-UE f'konformità mal-iskadenzi miftiehma;

4. JILQA' b'mod partikolari l-progress li sar mill-ġurisdizzjonijiet li lestew ir-riforma tas-sistemi tagħhom ta' eżenzjoni mill-introjtu minn sors barrani (FSIE) sal-iskadenza ssuġġerita u d-djalogu li għaddej ma' xi ġurisdizzjonijiet oħra li jinsabu fil-proċess li jirrifurmaw is-sistema tal-FSIE tagħhom; JILQA' wkoll il-progress b'ġurisdizzjonijiet b'ebda taxxa jew taxxa nominali biss fil-kuntest tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' sustanza ekonomika skont il-kriterju 2.2 u b'ġurisdizzjonijiet rilevanti rigward l-implimentazzjoni tal-istandard minimu kontra l-BEPS (CbCR) ta' rapportar pajjiż b'pajjiż (kriterju 3.2) u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fuq talba (kriterju 1.2);
5. JILQA' l-progress fir-rigward tal-kriterju 1.4 futur dwar l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja; JAPPELLA lill-Grupp ikompli l-ħidma biex jinkorpora s-sjieda benefiċjarja bħala r-raba' kriterju dwar it-trasparenza fiskali;
6. JAPPELLA lill-Grupp ikompli l-ħidma tiegħu fuq l-evalwazzjoni ta' miżuri difensivi fil-qasam tat-taxxa għal ġurisdizzjonijiet li ma jikkoooperawx, f'konformità mal-Gwida maqbula, u jirrapporta lill-Kunsill dwar aktar progress f'dawn il-kwistjonijiet;
7. JAPPROVA l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-eżerċizzju ta' eżami u elenkar tal-UE mill-2024 'il quddiem, li l-Grupp laħaq qbil dwarha;
8. JISTIEDEN lill-Grupp jinvolti ruħu ma' ġurisdizzjonijiet rilevanti li għadhom ma ġewx ivvalutati għall-istandard ta' rapportar minimu għal kull pajjiż kontra l-BEPS (CbCR) (kriterju 3.2);
9. JISTIEDEN lill-Grupp jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Belġjana.
-